MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 822/2011

Kevin **AĠIUS**

**Vs**

**UNIVEST ENTERPRISES LIMTED** ġja' magħrufa bħala
Raise Fields Developments Limited
(C – 28933)

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-24 ta' Awissu, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrent talab li din il-Qorti (1) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka troddlu lura s-somma ta' wieħed u tletin elf (€31,000) ewro, minnu lilha mħallsin akkont tal-prezz ta' bejgħ ta' appartament bin-numru 1.6 li jagħmel mill-kumpless magħruf bħala

"*South Point*" fi Triq San Ġużepp, kantuniera ma' Triq in-Newl, Ħaż-Żabbar u dan kif miftiehem f'att ta' konvenju li sar fid-9 ta' Mejju, 2008, u b' rabta mal-istess konvenju. Talab ukoll l-imgħaxijiet u l-ispejjeż;

Rat illi r-Rikors ġie debitament notifikat lis-soċjeta' intimata li naqset li tippreżenta risposta fiż-żmien mogħti lilha mil-ligi u hekk baqgħet kontumaċi;

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent;

Semghet l-Avukat tar-rikorrent;

Ezaminat l-atti tar-Rikors;

Rat ix-xhieda mressqa mill-attur, magħduda dik bil-mezz tal-affidavit u dik dokumentali;

Rat li, għalkemm min-naħa tagħha, l-kumpannija mħarrka kienet talbet lill-attur b'ittra uffiċjali biex jersaq għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt pubbliku definittiv, din naqset li ssegwi dak l-att ġudizzjarju b'kawża kif irid l-art 1357 tal-Kap 16, u għalhekk l-imsemmi att ta' konvenju għalaq, tilef l-effetti kollha tiegħu, u l-partijiet iridu għalhekk jitqiegħdu fl-istat li kienu fih qabel ma resqu għall-imsemmi konvenju;

Rat li, minħabba r-rabtiet li assuma fl-istess konvenju, l-attur ħareġ somom ta' flus akkont tal-prezz miftiehem, liema ħlasijiet jitilgħu għas-somma ta' tletin elf tmien mija u sebgħa u sittin ewro u tliet ċentezmi (€30,867.03);

Rat li, kif tenna l-attur b'ġurament waqt is-smigħ tal-lum, il-kumpanija mħarrka baqgħet ma ħallsitu lura l-ebda parti mill-imsemmija somma, minkejja xi wegħdiet li għamlitlu biex jitfassal programm għal tali ħlas;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-Rikors tirriżulta pruvata.

Fil-kontumaċja tas-soċjeta' intimata tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tal-attur kif dedotta fir-Rikors Maħluf u;

**<u>Tikkundanna</u>** lill-kumpannija mħarrka tħallas lura lill-attur is-somma ta' tletin elf tmien mija u sebgħa u sittin ewro u tliet ċenteżmi (€30,867.03) rappreżentanti ħlasijiet akkont tal-prezz ta' xiri ta' appartament f'Ħaż-Żabbar, minnu lilha magħmulin wara att ta' konvenju tad-9 ta' Mejju, 2008, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mill-4 ta' Awissu, 2011, sal-jum tal-ħlas effettiv;

**<u>Tikkundanna</u>** lill-kumpannija mħarrka tħallas **<u>l-ispejjeż kollha tal-kawża</u>**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------